jissejħu l-Perseide; il-poplu jsejjaħ dan il-ġiri ta' kwiekeb "dmugħ ta' San Lawrenz", u fil-jiem tal-festa joqgħodu għassa biex jarawhom. L-użanza l-oħra kienet dik li fil-jiem ta' San Lawrenz, x'uħud kienu jfittxu fil-ħamrija u anke fil-qsari u fl-art, biex isibu frak iswed ta' ġebel żgħir, li kienu jsejħulu "faħam ta' San Lawrenz". Fl-Italja, f'San Lawrenz isiru diversi fieri agrikoli, waqt li fi Franza, il-qxur tal-bajd ma jitfgħuhx fin-nar bħala rispett lejn il-qaddis.

F'Malta għandna xitla magħrufa bħala Ħabaq ta' San Lawrenz. San Lawrenz ukoll jissemma f'xi għanja popolari min-nies tal-kampanja, bħalma jiġri wkoll fi Sqallija u fl-Italja.

Dari l-ommijiet ma kienux jonqsu li meta jkollhom tarbija jippreżentawha lil San Lawrenz, u ma kontx issib familja li ma kienx ikollha tifel jew tifla jisimhom Lorenzo jew Lorenza. Mhux hekk biss, imma kienu jsemmu l-uliedhom għal missier u omm San Lawrenz, bl-isem ta' Orenzo u Paċenzja. Iżda llum daħlu isimijiet strambi tal-artisti tat-TV, kif tista' tara mill-bullettini parrokkjali.

---

**Sħubija fil-Għaqda Maltija Tal-Folklor**

Kull min jinteressa ruħu fil-folklor jista' jissieħeb f'din l-Għaqda. Il-ħlas huwa biss Lira Maltija fis-sena, iżada min jidħol l-ewwel darba iħallas ukoll lira għar-reġistrazzjoni. Il-bullettin tal-Għaqda, "L-IMNARA" li jiġi pubblikat darba fis-sena, ma jinbiħx fil-ħwienet, iżda jintbagħat biss lil membri li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti, jiġifieri il-membri effettivi. Il-lista tal-membri effettivi, (li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti) qed tidher f'"L-IMNARA").

Kopji ta' L-IMNARA imorru ukoll, skond il-liġi, fil-libreriji nazzjonali ta' Malta u Għawdex, iżda tmur ukoll fil-Librerija ta' Belt-Is-Sebh u l-librerija tal-Mużew Nazzjonali, kif ukoll fil-Librerija tal-Università

Kull ħlas għandu jintbgħat **BISS** lit-teżorier, is-Sur J.F.Porsella Flores, 69, Triq il-Palma, Paola.

**Kitba Għall-Imnara**

Kull kitba biex tiġi pubblikata f'L-IMNARA tista' tkun bil-Malti jew bl-Ingliż u għandha tkun DEJJEM ORIĠINALI, u qatt ma tkun pubblikata qabel band'oħra, u preferibbilment ta' nteress lokali. Il-indirizz ta' l-Editur huwa 78, Triq San Trofimus, Tas-Sliema SLM 02.